MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-30 ta' April, 2004

Talba Numru. 1793/2002

**Boarding School (Malta) Limited**

**vs**

**Dimitri Alexandrov u Eugenia Alexandrova**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Lulju, 2002 fejn intalab il-hlas ta' seba' mija u disgha u tmenin lira Maltija (Lm789) rapprezentanti s-somma ta' hames mija u hamsin lira (Lm550) bhala danni kagunati mill-konvenuti lis-socjeta' attrici talli naqsu li jirritornaw fil-hin *computer* u fis-somma ta' mitejn u disa' u tletin lira (Lm239) (ekwivalenti ghal US$450) bhala *tuition fees* ghal taghlim moghti lill-binhom;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 1582/02 ipprezentat fl-ghaxra ta' Lulju, 2002, u**

**bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.**

**Ra li fis-seduta ta' l-1 ta' April 2003 dehret id-difensur tal-konvenuti li ddikjarat li qed tikkontesta t-talba attrici peress li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.**

**Semgha x-xhieda ta' Snejana Bodichtianou, Yevgeni Bodichtianou, Vladimir Sergeiev, Svetlana Lukiantchuk u Eugenia Alexandrova. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra :**

**1. Illi l-atturi kienu taw computer lil Alexandrov Dimitri liema computer ma giex ritornat u li kien jiswa hames mija u hamsin lira (Lm550) skond l-invoice esebit Dok SB. Dana gie konfermat minn Snejana Bodichtianou d-Direttrici tas-socjeta' attrici. Hija qalet illi kien hemm dovuti wkoll il-hlasijiet ghal taghlim ghal perjodu bejn l-1 ta' Settembru 1999 sa l-1 ta' Ottubru, 1999 skond ma jirrizulta mid-Dok SB 1.**

**2. Yevgeni Bodichtianou jikkonferma li hu stess personalment ikkonsenja l-imsemmi computer lil Alexandrov Dimitri. Il-fatt li l-computer inghata lill-konvenuti hu wkoll konfermat minn Vladimir Sergejev li kien Maintenance Manager mas-socjeta` attrici.**

**3. Svetlana Lukiantchuk ikkonfermat li kienet taghti lezzjonijiet lill-iben il-konvenuti u dana fuq perjodu ta' cirka tlett xhur.**

**4. Il-konvenuta taqbel li baghtet lill-binha f'imsemmija skola, pero` skond hi binha dam hemm biss jumejn jew tlieta. Hi tammetti li harget lill-binha mill-iskola u tghid li baghtitu c-Chiswick House School. Skond il-konvenuta hi ma nghatat ebda invoice jew ricevuta. Skond il-konvenuta il-computer kien inghata bhala rigal ghal binha peress li tallega li taghthom $40,000 biex tghin l-iskola.**

**5. It-Tribunal jinnota li saret referenza ghall-skrittura a fol 44 tal-process, pero` ma hemm ebda prova li din l-iskrittura ghandha x'taqsam ma dan il-kaz.**

**6. Minn dak li xehdet il-konvenuta, it-Tribunal thasseb, in kwantu dwar is-somma allegatament moghtija, li ma kienetx xi somma zghira, ma kien hemm ebda dokumentazzjoni jew provi biex jikkorroboraw dak li qed jigi allegat. Dwar li l-computer ghadu ghand il-konvenuti, dan mhux kontestat.**
**7. Inoltre filwaqt li l-atturi gabu l-provi li juru li iben il-konvenuti dam fl-iskola tal-atturi xi tlett xhur, il-konvenuti ma gabu ebda provi biex juru il-kuntrarju, bhalma kien ikun x-xhieda tal-principal u dokumentazzjoni relattiva tal-iskola fejn intbaghat wara li inhareg mill-iskola tas-socjeta` attrici. Ghalhekk it-talbiet attrici jirrizultaw pruvati.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata t-Tribunal qed jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' seba mija u disgha u tmenin lira Maltija (Lm789) bl-imghaxijiet mill-10 ta' Lulju, 2002 sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 1582/02 tal-10 ta' Lulju, 2002 ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------